**114. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Billi l-Kamra bir-Riżoluzzjoni tagħha tas-6 ta' Diċembru, 1976, ħatret lill-Onor. Reno Calleja bħala wieħed mis-sostituti għar-rappreżentanti tal-Parlament Malti fl-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill tal-Ewropa;
u

Billi l-Onor. Reno Calleja nħatar Rappreżentant Permanenti ta' Malta fil-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u għalhekk skont l-artiklu 25 ta' l-istatut tal-istess Kunsill ma jistax jibqa' jservi bħala sostitut fl-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa;

Il-Kamra għalhekk tirrisolvi li għall-iskopijiet tar-Riżoluzzjoni tagħha tas-6 ta' Diċembru, 1976, l-Onor. Joe Grima jkun maħtur minfloku bħala Membru sostitut fl-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u dan b'effett mil-lum stess.

09.03.1978